

# F'għeluq id-disgħin sena mit-tberik tal-qniepen tal-knisja tal-Mellieħa li sar fis-26 ta' Marzu 1925

Anthony Fenech

Issa għalaqtu disgħin sena,
hemm imdendla fil-kampnari,
biex kuljum lilna tfakkruna,
b'ta' leħinkom is-sinjali.

F'dawn is-snin daqqejtu dejjem,
sew filgħodu, kemm filgħaxija,
b'dak il-leħen sabiħ tagħkom,
issellmu 'l Ommna Marija!

Din don, din don, iddoqqu,
fil-jiem kbar tal-Ġimgħa l-Kbira,
f'dawk tal-mewt ta' Kristu Sidna,
Fl-Għid il-Kbir, bħala tifkira!

Fil-Milied l-aħbar tagħtuna,
bit-twelid tiegħu tferrħuna,
waqt l-imwiet u l-funerali,
issellmulna u tnikktuna!

Kemm fil-mard, nuqqas ta' xita,
tħeġġuna biex ngħidu t-talb,
kif ukoll fl-Adorazzjoni,
ħdejn Ġesù Sagramentat.

Din don, din don, iddoqqu,
bosta nies jitpaxxew bikom,
xi oħrajn jgħidu ddejquhom,
għaliex kliemhom hekk jurikom.

Kien fit-tmienja ta' Settembru,
li ħabbartu ġrajja kbira,
Malta rebħet 'l għadu Mislem,
f'jum twelid Ommna Marija!

Fil-Mellieħa hi t-Titulari,
u magħrufa b'tal-Bambina,
jum ta' Festa Nazzjonali,
sew Maltija u Melleħija.

Din don, din don, iddoqqu,
intom bqajtu popolari,
kburin bikom, nisimgħukom,
bit-ton jidwi mill-kampnari.

Minn dak l-għoli li tinstabu,
il-messaġġi twasslu tagħkom,
biex kull dar ta' ġol-Mellieħa,
ta' kuljum tista' tismagħkom.

Għal kull nota wara l-oħra,
fil-Knisja n-nies jinġabru,
miġbura lkoll qalb waħda,
hemmhekk flimkien jitolbu.

Il-Grupp magħruf b'"Tal-Qniepen",
ġie maħtur mis-Sagristan,
li kull ordni jesegwixxi,
bil-parir tal-Kappillan.

Flok li llum issellmu lilna,
qegħdin aħna nsellmu lilkom,
komplu doqqu u ferrħuna,
bosta awguri nixtieqулkom!